**Nru. 491**

**ATT DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (KAP. 356) (ARTIKOLU 46)**

**Skedar ta' Proprjetà**

L-AWTORITÀ ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar b'din tiddikjara l-proprjetajiet li ġejjin jiġifieri:-

**L-Arja ta' l-Għadira mill-Bajja tal-Mellieħa saċ-Ċumnija fil-Mellieħa**

(ara Mappa 1 f'paġna 5365) bħala inklużi fil-Lista ta' Proprjetà Skedata, skond l-artikolu 46 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità tiddikjara l-proprjetajiet imsemmija kif ġej:

il-Bur Salmastru u l-Gharam tar-Ramel ta' l-Ghadira bħala Sit ta' Importanza Xjentifika u Arja ta' Importanza Ekoloġika ta' Livell wieħed (1) kif indikat fuq il-pjanta annessa;

ix-xagħri tal-Bisqra bħala Sit ta' Importanza Xjentifika ta' Livell wieħed (1) u Arja ta' Importanza Ekoloġika ta' Livell tnejn (2) kif indikat fuq il-pjanta annessa;

l-għelieqi abbandunati u x-xagħri tal-Qammieħ bħala Sit ta' Importanza Xjentifika u Arja ta' Importanza Ekoloġika ta' Livell tnejn (2) kif indikat fuq il-pjanta annessa;

iż-żrieżaq tat-tafal bħala Sit ta' Importanza Xjentifika ta' Livell tnejn (2) kif indikat fuq il-pjanta annessa;

l-art agrikola fl-arja tal-Mejjieli u l-Għadira bħala Arja ta' Importanza Ekoloġika (*buffer zone*) ta' Livell tlieta (3) kif indikat fuq il-pjanta annessa,

l-għelieqi abbandunati u makkja ta' s-Sdieri bħala Arja ta' Importanza Ekoloġika (*buffer zone*) ta' Livell tlieta (3) kif indikat fuq il-pjanta annessa;

u

il-bajja tar-ramel bħala Sit ta' Importanza Xjentifika ta' Livell erbgħa (4) kif indikat fuq il-pjanta annessa.

skond it-termini tal-*Policies* RCO 10, RCO 11 u RCO 12 tal-Pjan ta' Struttura u tikkwalifika għall-protezzjoni skond klawsoli 15.34 sa 15.40 ta' l-*Explanatory Memorandum* ta' l-istess Pjan ta' Struttura.

L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att, fil-każ ta' xi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp f'dak li jirrigwarda proprjetà skedata.

Is-6 ta' Ġunju, 2006

**No. 491**

**DEVELOPMENT PLANNING ACT, 1992 (CAP. 356) (SECTION 46)**

**Scheduling of Property**

The Malta Environment and Planning Authority is hereby declaring the following properties, namely: -

**L-Għadira area from il-Bajja tal-Mellieħa to Iċ-Ċumnija in Mellieħa**

(see Map 1 on page 5365) as included in the list of Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act.

The Authority designates the above property as follows:

the saline marshland and sand dune remnants at l-Għadira as a Level one (1) Site of Scientific Importance and Level one (1) Area of Ecological Importance as indicated on the map attached;

the garigue at il-Bisqra as a Level one (1) Site of Scientific Importance and Level two (2) Area of Ecological Importance as indicated on the map attached;

the abandoned fields and garigue at il-Qammieħ as a Level two (2) Site of Scientific Importance and Area of Ecological Importance as indicated on the map attached;

the clay slopes as a Level two (2) Site of Scientific Importance as indicated on the map attached;

the agricultural land in the areas of il-Mejjieli and l-Għadira as a Level three (3) Area of Ecological Importance (buffer zone) as indicated on the map attached;

the abandoned fields and maquis at is-Sdieri as a Level three (3) Area of Ecological Importance (buffer zone) as indicated on the map attached,

and

the sandy beach at l-Ghadira as a Level four (4) Site of Scientific Importance as indicated on the map attached.

in terms of Structure Plan Policies RCO 10, RCO 11 and RCO 12 and qualify for protection under clauses 15.34 to 15.40 of the Structure Plan's Explanatory Memorandum.

The Malta Environment and Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act, in the case of any contravention to the provisions of the Development Planning Act as regards to Scheduled Property.

6th June, 2006


St. Francis Ravelin
Floriana
www.mepa.org.mt
Tel:(+356)2290 0000
Fax:(+356)2290 2295
MEPA
Malta Environment
& Planning Authority
(c) Copyright Planning Authority
Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E40078, N80002
Max E41929, N81667
Title :-
L-Ghadira Scheduling
Ref No. :- GF 0011/06
Key :-
Level 1 AEI, SSI
Level 1 SSI, Level 2 AEI
Level 2 SSI, Level 2 AEI
Level 2 SSI
Level 3 AEI
Level 4 SSI
Form No. :- MU004
N
0 100 200 300 400m